**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Jonathan Cortis**

**Vs**

**Dorkins Ltd**

**CCT 7/25/MM**

**Illum,** 6 ta' Mejju 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2025 fejn talab is-somma ta' mija u tmien ewro (€108), rappreżentanti l-valur ta' żarbun mixtri mingħand is-soċjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti xtara żarbun mingħand is-soċjeta' intimata u wara jumejn twessalu iżda meta ċempel lill-ħanut ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata spjegalu li peress li ż-żarbun kien tal-ġilda kien normali li jitwessa wara ftit ħin li jintlibes. Illi wara ġimgħa ż-żarbun tqatta u r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata kienet qalet lir-rikorrenti li se tibdillu ż-żarbun iżda meta r-rikorrent mar fil-ħanut biż-żarbun qalulu li ma kienux se jiblulu ż-żarbun peress li kellu *'a clean cut'* u ġie ssuġerit li d-difett ma kienx tal-fabbrika iżda l-ħsara kienet saret mir-rikorrenti stess.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe' dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-deċizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

**Ikkunsidra**

Filwaqt li l-liġi Maltija tippreżumi li difett eżistenti fi żmien sitt xhur mid-data tal-kunsinna kien jeżisti fil-ħin tal-kunsinna, din il-preżunzjoni tista' tiġi miċħuda jekk il-bejjiegħ juri li l-oġġetti ma kinux difettużi jew li l-ħsara kienet ikkawżata minn użu mhux xieraq. Ir-rikorrent għandu l-piż li jipprova li l-ħsara fiż-żarbun kienet dovuta għal difett moħbi preżenti fil-ħin tax-xiri. F'dan il-każ, ir-rikorrent ma pprovdiex biżżejjed evidenza biex iwettaq dan il-piż.

Il-konsumatur ressaq ilment dwar żarbun mixtri mingħand il-bejjiegħ. Il-bejjiegħ ċaħad ir-responsabbiltà, u sostna li d-difett ma kienx frott ta' ħsara fil-manifattura peress li l-qatgħa tidher nadifa u preċiża, qisha saret apposta jew b'mezzi esterni. Filwaqt li huwa minnu li xi ħsarat li jidhru bħala "clean cut" jistgħu f'ċirkostanzi rari jkunu riżultat ta' difett fil-proċess tal-manifattura, jeħtieġ valutazzjoni teknika jew esperta biex tikkonferma dan. Fil-każ in kwistjoni, l-attur ma ppreżentax ebda prova teknika u lanqas ma talab għal tali valutazzjoni esperta biex jissostanzja t-talba tiegħu.

Illi il-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrenti naqas milli jissostanzja l-ilment tiegħu bi provi konkreti. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas, u fid-dawl tal-fatt li t-Tribunal ra ż-żarbun seduta stante u jidhirlu li l-qatgħa tidher li ġiet ikkawżata minn fattur estern u mhux difettiv tal-manifattura, it-Tribunal ser jiċħad it-talba.

**Decide**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qiegħad jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Avv. Dr Martha Mifsud**
**Arbitru**